**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 27 – 5 ta' Dicembru 2016**

***Minuti tal-27 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar il- 5 ta' Dicembru, 2016 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:00 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 27. Il-laqgha bdiet fis-6:05 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Skużat:** | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| **Assenti:** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal- Laqgha Nru. 26**

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-minuti ta' laqgha numru 26 jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina.

Ittiehed vot.

Dawk favur: is-Sindku Sarah Agius, il-Kunsilliera Chris Bongailas, Vernalise Scicluna, Kevin Glynn, George Cortis, Roderick Aquilina, Philip Said.

Dawk kontra : Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-Minuti gew approvati (107).

**2. Hwejjeg li johorgu mill-Minuti**

2.1 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill bil-laqgha li saret mill-Ministeru inkarigat mit trasport dwar id-dhul u l-hrug tat-tfal mill-iskola Primarja. Regghet giet kkonfermata d-decizjoni li d-dhul u l-hrug tat-tfal ser jibqa' jsir minn Triq Sciortino.

2.2 Is-Sindku Sarah Agius qalet li s-Sigra tal-Milied u l-presepju ser ikunu armati f'dik il-gimgha.

2.3 Is-Sindku Sarah Agius infurmat li l-Kunsill li d-ditta Aquatherm infurmaw li lesti li jirrekklamaw mal-"Merhba Haz-Zebbug" u li jkunu esklussivi, jigifieri lesti li jhallsu Eur7,000. Huma talbu wkoll li jitwahhal reklam ezatt kif titla mit-telgha ta' bejn H'Attard u Haz-Zebbug. Sadanittant il-Kunsillier Roderick Aquilina ppropona li dawn il-flus isir uzu specifiku minnhom.(104)

2.4 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill bil-laqgha li saret Transport Malta dwar triq li qed "tisfronda" li hija maghrufa bhala Dawret in-Nizla ta' San Pawl. Waqt din il-laqgha il-Perit David Vassallo spjega x'wassal ghal dan, minhabba xi llegalitajiet li hemm f'binja fil-vicin. Gie deciz li t-tlett avukati tat-tlett entitajiet, jigifieri tal-Kunsill Lokali, tat-Transport Malta u tal-Lands ghandhom jiltaqghu flimkien sabiex johorgu bi proposta wahda.

2.5 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ghadu kif hareg cirkulari 48/2016 dwar il-haddiema tal-Community Work Scheme. Din ic-cirkulari tghid li m'ghandu jigi ffirmat l-ebda kuntratt bejn il-kumpanija li thaddem lil dawn il-haddiema u l-Kunsill. Hlasijiet ghall-performance bonuses m'ghandhomx isiru mill-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv huwa nkarigat li jaghmel il-performance appraisal tal-haddiema

2.6 Is-Sindku Sarah Agius qalet li flimkien mal-Kunsillier Chris Bongailas attendiet ghal-laqgha Projects Malta dwar il-possibilita ta' parkegg taht Gnien l-Infetti. L-informazzjoni li nghatat waqt din il-laqgha hija li ghall-progett ta' dan it-tip irid ssir 'feasibility study' tieghu, u barra minn hekk iddum biex tinhareg decizjoni dwaru b'tali mod li tista ttellef mix-xogholijiet li ser isiru fuq Gnien l-Infetti.

2.7 Is-Segretarju Ezekuttiv tkelmet dwar ammont li hu dovut lil Smart Technologies u li nzamm pendenti ntenzjonalment, minhabba li l-istess kumpanija ghandha ammont hafna akbar lill-Kunsill ta' Haz-Zebbug.

Il-Kunsillier Vernalise Scicluna rtirat minn din id-diskussjoni.

Dan kien ghal reklamar mal-Merhba Haz-Zebbug, liema xoghol kien inkarigat minnu M&E Management. Ta' kemm-il darba intqal minn Dr. Massimo Ellul, il-persuna nkarigata, li intlahaq ftehim ma' Smart Technologies li jsir dan ir-reklamar ghal hames snin shah fuq it-tabelli. Skont l-informazzjoni li nghatat dan il-ftehim jammonta ghal Eur6000, Eur1200 ghal kull sena.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li qatt ma nghatat l-ebda kitba bil-miktub dwar dan il-ftehim. Sadanittant Smart Technologies infurmat lill-Kunsill li gie sospiz is-servizz tal-*live streaming* minhabba l-bilanc li hemm dovut mill-Kunsill.

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-kuntrattur li kien innegozja u ssigilla dan il-ftehim jigi mitkellem b'avukat sabiex jikkonferma dan il-ftehim. Is-Sindku pproponiet ukoll li jigi mhallas l-ammont dovut lil din il-kumpanija minhabba li l-Kunsill huwa marbut bil-ligi li jxandar il-laqghat tieghu. Din il-proposta giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina.

Ghal din il-votazzjoni l-Kunsillier Vernalise Scicluna ma haditx sehem. Ittiehed vot. Kien hemm qbil ghall-proposta tas-Sindku. (108)

2.8 Is-Sindku Sarah Agius qrat proposta li ntbaghtet mill-MTI dwar Triq Gharram. Din il-proposta tghid li l-materjal ghax-xogholijiet fuq din it-triq li taqa' taht il-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi u ta' Haz-Zebbug, jithallsu mill-Kunsilli Lokali rispettivi, filwaqt li jintuzaw il-haddiema tal-MTI stess. Il-materjal li jigi fiz-zona ta' Haz-Zebbug sabiex issir din it-triq jammonta ghal madwar Eur10,500.

Wara diskussjoni gie deciz unanimament li minhabba l-ittra li kienet mibghuta mid-DLG li tfakkar in-natura tal-ispejjez li ghandu jaghmel il-Kunsill, u anke minhabba li l-Kunsill mhux infurmat x'impatt ser ikun hemm fuq ir-residenti, il-Kunsill m'huwiex f'pozizzjoni finanzjarja li jaghmel din-nefqa.

**3. Korrispondenza**

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv gab ghall-attenzjoni talba sabiex jitranga d-dawl li hemm mas-Santwarju tal-Qalb ta' Gesu' liema talba giet rrifjutata minghand il-Kunsill minhabba li hemmhekk hija proprjeta tal-Knisja.

**4. Triq de Rohan**

4.1 Gie deciz li dan l-item jigi diskuss f'laqgha ohra.

**5. Bini ta' Ufficini tal-Kunsill u Day Care Centre ghall-Anzjani**

5.1 Rapprezentanti tal-Med Design kienu prezenti ghal-laqgha, u prezentaw l-pjanti ghat-tlett sulari li ghandhom jilqghu fihom ufficji tal-Kunsill, Day Care Centre, kif ukoll possibilment anke Night Shelter ghall-Anzjani.

Is-Segretarju Exekuttiv spjegat kif flimkien mal-istaff tal-Kunsill kien hemm diskussjonijiet sabiex il-pjanti setghu jigu mibdula ghal dawk li gew prezentati dakinhar biex tabilhaqq ikunu jaqdu l-bzonnijiet ta' dawk kollha li jkunu prezenti.

Is-Sindku Sarah Agius proponiet li l-pjanti jigu approvati kif prezentati. Il-Kunsillier George Cortis issekondaha. Ittiehed vot. Kien hemm qbil unanimu (109).

**6. Sistema tad-Dawl ghal Bieb de Rohan**

6.1 Intlahaq qbil unanimu li jitqabbad inginier espert fuq id-dwal, sabiex jara x'hemm mehtieg sabiex jigi mdawwal Bieb de Rohan, kif ukoll sabiex jipprepara t-tender package, minhabba li jrid jinhareg tender ghal dan il-ghan.

**7. Green Urban Project 2017**

Is-Sindku Sarah Agius spjegat kif Haz-Zebbug din is-sena huwa wiehed minn seba' lokalitajiet li ser jibbenefikaw minn ghotja ta' Eur30,000 f'sigar li jridu jigu mhawla f'zoni residenzjali.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif progett ta' dan it-tip ghandu jigi studjat u mirqum minn espert fil-materja, sabiex jigu mhawla sigar addattati ghall-ambjent tal-madwar. Sadanittant is-Segretarju spjegat ukoll li l-gibjun li hemm fi Gnien tal-Infetti ma jidhirx li hu mifrux b'tali mod li jimpedi t-thawwil ta' sigar.

Il-Kunsill lahaq qbil unanimu li jitqabbad espert ghal dan il-ghan. (110)

**8. Dawl Temporanju f'Zona Gdida Hal Mula**

8.1 Il-Kunsill lahaq qbil unanimu li jitpoggew floodlights temporanji sabiex tiddawwal iz-zona fejn sar il-progett tal-Gap. (111)

**9. Dhul u Hrug ta’ Vjal il-Helsien**

9.1 Is-Sindku Sarah Agius spjegat kif Transport Malta ghandhom pjan li jaghmlu traffic lights sabiex jghinu fil-hrug tal-vetturi minn Vjal il-Helsien. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif dan il-pjan qed jigi propost inkluz li r-roundabout ta’ Mikiel Anton Vassalli ser tidjieq u issir junction u allura karozzi ma jkunux jistghu iduru aktar ma’ din ir-roundabout, kif ukoll li jitwehhlu l-lights vicin ta’ Bieb de Rohan, li jintuzaw biss minn dawk li jkunu fi triqithom , direzzjoni lejn ir-Rabat. Kien hemm qbil unanimu ghal din il-proposta (112).

**10. Parkegg fi Mdina Road/Triq tal-Hlas**

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat il-pjan li ghandhom TM ghall-parkegg fejn hemm is-St. James jigifieri fejn Triq l-Imdina tmiss ma’ Triq tal-Hlas. Dan il-pjan jinkludi ‘fishbone parking’. Meta dan il-pjan gie muri lill-Kunsill, intlahaq qbil unanimu li dan il-pjan ghandu jigi mplimentat.

**11. Xiri ta towers tal-computers**

Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jinxtraw 3 towers tal-computers ghas-Segretarju Ezekuttiv u ghall-istaff. (113)

**12. Vot tal-Flus**

Is-Sindku Sarah Agius qrat rapport dwar WM Environmental li gie mhejji dwar ix-xogholijiet li suppost isiru minn dan il-kuntrattur. Il-Kunsill qabel unanimament li wara Jannar dan il-kuntrattur ghandu jerga jigi mitkellem sabiex ikun aktar efficjenti u sabiex anke jaghmek dak kollu li hu mistenni minnu skont il-kuntratt.

Sadanittant gie diskuss il-vot tal-flus. Il-Kunsillier Vernalise Scicluna astjeniet minn punt nru. 6 is-Sindku Sarah Agius astjeniet minn punt nru.27, filwaqt li l-Kunsilliera George Cortis, Philip

Said, Kevin Glynn u Roderick Aquilina astjenew minn punt nru.1. Il-Kunsillier Chris Bongailas astjena minn punt nru. 4. Ghall-bqija tal-vot dan kien unanimu. (114)

**13. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Kevin Glynn spjega x'suggerimenti kien hemm minghand il-kumitat tieghu. Dawn huma aktar accessibilita ghal nies li jsofru xi tip ta' dizabilita, outdoor gym, day care centre u bankini ta' kwalita ahjar.

**14. Aggornament**

Gie deciz li l-laqgha li jmiss issir fid-21 ta' Dicembru 2016 fis-6.00 pm.

**Sarah Agius**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Ezekuttiv**